MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 973/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Simon Falzon f'ismu proprju kif ukoll bhala Direttur tal-kumpanija "Promessa Limited"**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut proprio et. nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' seba' u tmenin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm87.64) rappresentanti in kwantu ghal Lm76.21, royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Awissu 2001 sal-5 ta' Awissu 2002, in konnessjoni mal-licenzji numri 010965 u 010966 (Dokument A u B annessi ma'l-avviz)

rilaxxjati mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut kien qieghed jigi moghti id-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "La Promessa", il-Qawra, u Lm11.43 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru 2001 u tas-17 ta' Marzu 2003, kif ukoll ta'l-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2003 (Dokument C anness ma'l-avviz) kontra l-konvenut proprio et. nomine.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut proprio et. nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut proprio et.nomine naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm87.64), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru 2001 u tas-17 ta' Marzu 2003, kif ukoll ta'l-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2003 (Dokument C anness ma'l-avviz) ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et. nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------